**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

22 ta' Mejju, 2022

# F'DAX-XAHAR TA' MEJJU

Ix-xahar ta' Mejju niddedikawh b'mod iktar speċjali lill-Madonna. Huwa importanti li d-devozzjonijiet tal-imgħoddi u li kienu ta' importanza għall-fidi ma nitilfuhomx jew nagħtuhom spinta ġdida. Ejjew ix-xahar ta' Mejju nqaddsuh kif nistgħu. Se nagħti xi suġġerimenti li jistgħu jgħinu:

1. Irrakkontaw il-ħajja tal-Madonna liż-żgħar: it-tħabbira tal-Anġlu, Marija twelled lil Ġesù, Ġesù f'Nażaret jgħin lil ommu, Marija tfittex lil Binha fit-tempju, Marija taħt is-salib. Meta l-Papa San Ġwanni XXIII kienu għaddew 5 ijiem mill-ordinazzjoni tiegħu, il-kappillan ta' Sotto il Monte qallu biex jipprietka lin-nies. Kienet il-festa tal-Assunta. Dun Angelo Roncalli, għax hekk kien jismu l-Papa, qal lis-sagristan, "Oqgħod fit-taraġ tal-pulptu u jekk ngħid xi kliem diffiċli, iġbidli s-suttana biex tavżani". Wara ftit is-sagristan qallu minn taħt l-ilsien, "Kompli hekk, Dun Angelo, kliemek ċar kristall bħall-ilma".



2. Ngħallmu bl-eżempju l-ħajja tat-talb. Anke jekk it-tfal ma jgħidux it-talb kollu magħkom, se jibqgħu jiftakru li għalikom it-tislim lill-Madonna kien importanti.
3. Fit-tberik iltqajt ma' familja li għamlet rokna lill-Madonna, biex ikunu jistgħu jgħidu xi Sliema u Qaddisa jew ir-Rużarju quddiem din in-"niċċa" Marjana.
4. Put the hay where the sheep could reach it. Inħeġġu liż-żgħar jitolbu bi kliem li jkun jagħmel sens għalihom.
5. Matul dax-xahar ta' Mejju, morru xi darba bħala familja sa xi santwarju Marjan, bħas-Santwarju ta' Pinu li Dun Mikiel Attard kien isejjaħlu l-"oasi tal-paċi".

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**JUM TWELID PATRI PIJU:** stedina għaċ-ċelebrazzjoni li se ssir il-Ħamis, 26 ta' Mejju, fil-knisja tal-Kapuċċini, ir-Rabat, fis-6:15pm bir-Rużarju u l-Quddiesa.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** ser jorganizza high tea fil-Każin tal-Banda nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju fis-7:00pm. Trasport provdut minn kullimkien.

**BeMusic. By Jolene Samhan:** programm mużikali mfassal fuq tnax-il ġurnata, kull nhar ta' Tnejn mill-4 ta' Lulju sad-19 ta' Settembru. Se jkun maqsum f'żewġ gruppi skont l-etajiet tal-istudenti; wieħed għal dawk ta' bejn is-7 u t-8 snin u l-ieħor għal dawk ta' bejn id-9 u l-10 snin. Huwa mmirat għal dawk l-istudenti li diġà għandhom bażi fil-mużika sabiex ikomplu jibnu fuq l-għarfien li għandhom, però mhux bilfors. Is-sessjonijiet se jdumu siegħa, mit-3pm sal-4pm (għall-ewwel grupp) u mill-4:30pm sal-5:30pm (għat-tieni grupp). Dawn se jsiru f'Dar San Pietru u San Pawl, in-Nadur. In-numru massimu ta' studenti huwa ta' 10 f'kull grupp. Għal aktar informazzjoni tistgħu tkellmu lil Jolene Samhan fuq 79300909 jew inkella billi tibagħtu email fuq jolenesamhan@gmail.com.




L-Enċiklika *Laudato Si* hija l-iktar enċiklika li nqrat fl-istorja tal-Knisja.

**Sixth Sunday of Easter (Year C) - 22nd May 2022**

**ENGLISH CORNER**

Jesus said to his disciples: "Whoever loves me will keep my word, and my Father will love him, and we will come to him and make our dwelling with him." John 14:23

*"I love You, O my God, and my only desire is to love You until the last breath of my life. I love You, O my infinitely lovable God, and I would rather die loving You, than live without loving You. I love You, Lord and the only grace I ask is to love You eternally... My God, if my tongue cannot say in every moment that I love You, I want my heart to repeat it to You as often as I draw breath."* **St John Vianney**

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am